# QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)
# ĠURISDIZZJONI SUPERJURI
# SEZZJONI ĠENERALI

## MAĠISTRAT DOTTOR BRIGITTE SULTANA LL.D., LL.M (CARDIFF) ADV. TRIB. ECCL. MELIT.

**Illum, il-Ħamis, 25 ta' Jannar, 2024**

**Rikors Ġuramentat numru: 678/2022 BS**

**Alan Spiteri**

**-vs-**

**Michael Cauchi**

**Il-Qorti;**

**A. Preliminari:**

**Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Alan Spiteri[1] li ppremetta:**

1. *"Illi fit-12 ta' Novembru 2020 saret wegħda ta' bejgħ bejn il-partijiet (Dok 'AS1'), permezz ta' liem l-intimat obbliga ruħu li jbiegħ il- pjanċi bin-numru LPY-307 lir-rikorrent li aċċetta, liema pjanċi fid- data tal-wegħda kienu jinsabu fuq minibus aħmar, li kien ser jibqa' proprjetà tal-intimat;*

2. *Illi dawn il-pjanċi għar-rikorrent kienu ser ifissru xogħol mill- Koperattiva tal-Minibuses, liema pjanċi huma limitati fin-numru u li permezz tagħhom ir-rikorrent seta' jiġi assenjat rotta ta' trasport tal-iskejjel Maltin mill-Koperattiva stess;*

[1] Rik. Gur. a fol 1 sa 3 b'dokument a fol 4.

3. *Illi l-prezz miftiehem bil-fomm bejn il-partijiet għall-bejgħ tal- pjanċi surriferiti kien dak ta' tmienja u tletin elf Ewro (€38,000);*

4. *Illi madankollu, meta wasal għall-iffirmar tat-trasferiment tal- pjanċi, l-intimat irrifjuta li jiffirma kif kien obbligat li jagħmel skont kif miftiehem, u dan minkejja li ġie interpellat diversi drabi sabiex jagħmel dan, saħansittra permezz tal-ittra uffiċċjali bin-numru 2231/2021 datata 31 ta' Awwissu 2021;*

5. *Illi r-rikorrent inkorra diversi spejjeż sabiex jonora l-parti tiegħu tal-ftehim, fosthom billi xtara pjanċi oħra bin-numri BPY-307 sabiex l-intimat ikun jista' jinstallahom fuq il-vann l-aħmar tiegħu ladarba jittrasferilu l-pjanċi bin-numru LPY-307, kif ukoll billi ħallas il-polza ta' assikurazzjoni sabiex setgħu jinħarġu l-pjanċi bin-numri BPY-307 mill-Awtorità tat-Transport f'Malta;*

6. *Illi minħabba n-nuqqas da parti tal-intimat li jirrispetta l-wegħda li jitrasferixxi l-imsemmija pjanċi bin-numru LPY-307, r-rikorrent sofra wkoll diversi danni, rappreżentanti telf ta' xogħol minħabba l-fatt li kien laħaq biegħ wieħed mill-vannijiet tiegħu, kif ukoll telf kbir ta' xogħol mill-Koperattiva tal-Minibuses li seta' jiġi assenjat lilu."*

**Talab lil Din l-Onorabbli Qorti:**

1. *"Tordna lill-intimat jersaq sabiex isir it-trasferiment tal-pjanċi bin-numru LPY-307 għal fuq ir-rikorrent;*

2. *Tiddikjara li l-intimat huwa unikament responsabbli għad-danni sofferti u li għad irid isofri r-rikorrent;*

3. *Tillikwida d-danni sofferti u li għad irid isofri r-rikorrent a kawża tan-nuqqasijiet tal-intimat, u dan anke bl-opera ta' periti nominandi; u*

4. *Konsegwentement, tordna lill-intimat iħallas id-danni hekk likwidati lir-rikorrent, kif ukoll kull somma oħra dovuta.*

*Bl-ispejjeż, inkluż tal-Ittra Uffiċjali numru 2231/2021 u bl-interessi skont il-liġi sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimat."*

**Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Michael Cauchi**[2] **li eċċepixxa:**

1. *"Illi preliminarjament u in limine litis l-esponenti jeċepixxi l-privilegium fori stante li l-esponenti jgħix u huwa residenti ġewwa l-gżira t'Għawdex u jixtieq jinqeda' b'dan il-privileġġ illi tagħtih il-liġi;*

2. *Illi preliminarjament ukoll din il-kawża ġiet intavolata fuori termine ai termini tal-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16 tal-liġijiet ta' Malta u għalhekk preskritta;*

3. *Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, fil-mertu it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fid-dritt u fil-fatt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti. Il-bejgħ indikat ma sarx mhux għal xi nuqqas tal-esponenti iżda għall-raġunijiet [sic] validi fil-liġi dwar liema r-rikorrenti kien ferm konsapevoli kemm qabel u anke waqt in-negozjati;*

4. *Salv u impreġudikati eċċezzjonijiet oħra fil-fatt u fid-dritt."*

**Fliet l-atti.**

**Rat** is-sentenza in parte dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut dwar il-*privilegium fori* li nghatat mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' Malta fil-31 ta' Jannar, 2023. B'din is-sentenza ntlaqat l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut b'din il-kawza giet ri-assenjata lill din il-Qorti.[3]

**Rat** li fl-udjenza tat-28 ta' April, 2023, in vista tat-tieni eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni, giet ordnata l-inverzjoni tal-provi.[4]

**Rat** in-nota tal-attur tad-9 ta' Gunju, 2023[5] li biha ezebixxa kopja tal-ircevuta ghal-hlas tal-licenzja tan-numru ta' registrazzjoni BPY-307,[6] certifikat ta' assigurazzjoni fuq van tal-ghamla *Ford Transit*,[7] u; rizultat ta' test tal-VRT fuq van ta' lewn ahmar u l-ghamla *Ford Transit* bil-pjanci BPY-307.[8]

---

[2] Risposta guramentata a fol 11 u 12.
[3] Kopja tas-sentenza in parte tal-31 ta' Jannar, 2023 a fol 17 sa 19 – inkluz in verso pagina.
[4] Verbal a fol 23.
[5] Nota a fol 67.
[6] A fol 68.
[7] Certifikat a fol 69. Fin-nota il-lewn tal-vettura huwa ndikat bhala ahmar mentri fic-certifikat huwa ndikat bhala blu.
[8] Rizultat a fol 70. Ghal darb'ohra; fin-nota il-lewn tal-vettura huwa ndikat bhala ahmar mentri fir-rizultat huwa ndikat bhala blu.

**Rat** li fl-udjenza tad-9 ta' Gunju, 2023 il-partijiet iddikjaraw maghluqha l-provi u l-kontro-ezamijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut u saret it-trattazzjoni finali bil-kawza giet differita ghall-llum ghas-sentenza dwar l-istess eccezzjoni.[9]

**Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza**, inkluz id-dokumenti ezebiti u verbali kif ukoll it-traskrizzjonijiet tax-xhieda kollha u affidavits.

**Semghat it-trattazzjonijiet tal-abbli difensuri tal-partijiet.**[10]

**B. Provi:**

**Semghat ix-xhieda bil-gurament u rat dik maghmulha bil-procedura tal-affidavit, ta':**

**Dr. Mary Debono Borg**, Registratur tal-Qrati u Tribunali (Ghawdex), xehdet[11] li bhala nterpellazzjonijiet ufficjali maghmulha mill-attur kontra l-konvenut sabet biss l-ittra ufficjali numru 2231/2021.

Tipprezenta kopja tal-ittra ufficjali.[12]

Tghid li din giet notifikata lill Michael Cauchi – il-konvenut – fl-10 ta' Settembru, 2021.[13]

**Brian Farrugia**, in rapprezentanza tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta, xehed[14] li l-pjanci numru LPY-307 jirreferu ghal-vettura registrata ghall-gar tal-passiggieri bi hlas. Jghid li dawn il-vetturi huma regolati mil-Ligi Sussidjarja 499.56.

[9] Verbal a fol 70 u 71.
[10] Traskritta a fol 31 u 32.
[11] Traskrizzjoni a fol 29 u 30.
[12] Kopja tal-ittra ufficjali numru 2231/21 prezentata fil-31 ta' Awwissu, 2021 minn Alan Spiteri – l-attur – kontra Michael Cuachi – il-konvenut – a fol 61. Kopja tat-timbru tan-notifika lill Michael Cauchi – li fil-fatt juri li n-notifika sehhet fis-6 ta' Settembru, 2021 – a fol 62
[13] Fil-fatt l-ittra giet notifikata fis-6 ta' Settembru, 2021.
[14] Traskrizzjoni a fol 33 sa 36.

Jghid li sabiex operatur jirregistra tali vettura jrid ikollu *operator licence* li tinqasam fi tnejn, *national* u *community* sabiex ikun jista jahdem ukoll barra minn xtutna.

Jghid li sabiex tali pjanci jigu trasferiti minn operatur ghall iehor l-operatur il-gdid irid l-ewwel jottjeni *operator licence* sakemm ma' jkunx ser jixtri l-vettura bit-tali pjanci sabiex tigi operata minn xufier iehor li jkun hu kopert b'licenzja.

Jghid li l-pjanci LPY-307 bdew bhala IMY-307. Izid li IMY-307 twaqqfu bil-permess anness mall-istess sar LPY-307.

Jghid li LPY-307 jirreferu ghal-vettura *Ford Transit* li giet registrata fis-6 ta' Settembru, 2018 fuq Michael Cauchi – il-konvenut.

Jghid li l-*operator licence* hija marbuta ma' persuna mhux ma' vettura b'dan li operatur jista jopera aktar minn vettura wahda taht l-istess licenzja.

Jghid li l-awtorita' izzom fajl dwar moviment tal-pjanci.

Jipprezenta kopja tal-file dwar il-pjanci LPY-307.[15]

## C. Ikkunsidrat:

### Preliminari:

B'din l-istanza l-attur talab ordni sabiex l-intimat jersaq ghat-trasferiment tal-pjanci numru LPY-307.

Talab ukoll dikjarazzjoni li stante d-dewmien f'dan it-trasferiment, liema dewmien huwa jimputa kontra l-konvenut, huwa soffra danni li ghandhom jigu likwidati favur tieghu b'ordni ghall-hlas tal-istess lilu tkun moghtija kontra l-konvenut.

Il-konvenut laqgha ghal dan b'eccezzjonijiet preliminari kif ukoll fil-mertu.

[15] Dokumenti a fol 37 sa 60

L-eccezzjoni preliminari dwar il-*privilegium fori* ntlaqat b'sentenza in parte moghtija mil-Prim'Awla tal-Qorti Civili ta' Malta nhar il-31 ta' Jannar, 2023. Din il-kawza giet ghalhekk ri-assenjata lill din il-Qorti.[16]

Din id-decizjoni tal-lum, ukoll in parte, hija dwar it-tieni eccezzjoni preliminari tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni a tenur tal-Artikolu 1357(2) tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta, jittratta l-weghda ta' bejgh u fost id-dispozizzjonijiet tieghu dawk rilevanti ghal dan il-kaz huma s-segwenti:

> **1357.** *(1) Il-wegħda ta' bejgħ ta' ħaġa bi prezz determinat, jew bi prezz li għandu jiġi stabbilit minn persuna waħda jew iżjed bħalma jingħad fl-artikoli ta' qabel dan, ma titqiesx bejgħ; iżda, jekk tiġi aċċettata, iġġib, f'dak li wiegħed, l-obbligu li jagħmel il-bejgħ, jew, jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir, l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant.*
>
> *(2) L-effett ta' din il-wegħda jispiċċa meta jagħlaq iż-żmien miftiehem bejn il-partijiet għal hekk jew, jekk ma jkun hemm ebda ftehim bħal dak, meta jgħaddu tliet xhur minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista' jsir, kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien.*

M'hemmx dubbju li l-kaz in ezami jitratta weghda ta' bejgh.

Dan jghidu l-attur stess fl-ewwel premessa tar-rikors guramentat tieghu, huwa konfermat mid-dokument anness mal-istess rikors guramentat tal-attur – a fol 4 tal-process – u huwa accettat mill-konvenut bl-eccezzjoni numru tnejn tieghu fejn qajjem il-punt tal-preskrizzjoni ai termini tal-Artikolu 1357 succitat li kif inghad jitratta l-weghda ta' bejgh.

[16] Kopja tas-sentenza in parte tal-31 ta' Jannar, 2023 a fol 17 sa 19 – inkluz in verso pagina.

B'dan illi ghalhekk, it-terminu ta' preskrizzjoni rilevanti huwa kif enuncjat fl-istess Artikolu 1357.

F'dan l-istadju, din il-Qorti trid ghalhekk tara jekk l-istess terminu preskrittiv ghaddiex inutilment.

**Ikkunsidrat Ulterjorment:**

L-elementi kostituttivi tal-Artikolu 1357 huma s-segwenti:

i. ***Li tissussisti weghda ta' bejgh maghmulha u accetatta:***

Jirrizulta car li bejn il-partijiet kontendenti tissussistu weghda ta' bejgh maghmulha u accettata.

Dan kemm mid-dicitura tar-rikors guramentata, mid-dokument anness mall-istess – in atti a fol 4 – u mill-fatt li fir-risposta guramentat tieghu l-konvenut ma' jeccepix li ebda weghda ta' bejgh ma' tissussisti izda jghid li tali giet preskritta ai termini tal-artikolu rilevanti ghal-kaz, ossia, l-Artikolu 1357 succitat.

ii. ***Li l-bejgh isir fit-terminu relattiv:***

Dwar dan it-terminu, is-subinciz (2) tal-Artikolu 1357 huwa car li l-istess jista jew jigi maqbul bejn il-partijiet kontraenti jew, fin-nuqqas ta' tali qbiel, l-istess ikun ta' tlett xhur.

Fil-kaz in ezami jirrizulta ampjament li ebda terminu ma' gie maqbul bejn il-partijiet kontraenti.

Infatti, id-dokument a fol 4 tal-process li l-partijiet, inkluz fit-trattazzjoni maghmulha mill-abbli difensuri taghhom, jaqblu li jirrifletti l-weghda ta' bejgh vigenti bejniethom, ma' jistipula ebda perijodu ta' zmien ghall-ezekuzzjoni tal-weghda ta' bejgh u xiri. B'dan li allura japplika t-terminu ta' tlett xhur skond is-subinciz (2) tal-Artikolu 1357.

Jigi osservat ukoll li ghalkemm fir-rigward tat-terminu ghall-ezekuzzjoni tal-weghda l-Artikolu 1357 izid il-kliem *minn dak inhar li l-bejgħ ikun jista'*

*jsir*; f'dan il-kaz *de quo* l-attur ma' jilmentax li l-bejgh kien ghadu ma' jistax isir.

Anzi, fil-linja dinfensjonali tieghu kontra l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni – il-Qorti tfakkar li hawnhekk sehhet l-inverzjoni tal-provi – l-attur jinsisti li huwa mexxa sabiex isir il-bejgh izda kien hemm dewmien attribwibbli lill-Awtorita' tat-Trasport ta' Malta.[17]

B'dan li allura din il-Qorti hija sodisfatta kemm li t-terminu applikabbli huwa ta' tlett xhur kif ukoll li l-attur kien accettanti li l-bejgh setgha jsir izda ma' haxx il-passi applikabbli skond l-Artikolu 1357 tal-Kap. 16 sabiex jipprotegi ruhu u d-drittijiet tieghu fir-rigward tal-weghda tal-bejgh.

***iii. Tqum ir-responsabbilita' ghal-hlas ta' danni biss fejn il-bejgh ma' jsirx kif mwieghed bil-parti nteressata li tircievi l-hlas tad-danni tiehu l-passi rikjesti fit-termini relattivi:***

Hawnhekk, l-Artikolu 1357 irid li *jekk il-bejgħ ma jkunx jista' iżjed isir,* [iqum] *l-obbligu li jħallas id-danni lill-accettant* – A. 1357(1) – *kemm-il darba l-aċċettant ma jsejjaħx lil dak li wiegħed, b'att ġudizzjarju ppreżentat qabel ma jgħaddi ż-żmien applikabbli kif intqal qabel, sabiex jagħmel il-bejgħ, u kemm-il darba, fil-każ li dak li wiegħed jonqos li jagħmel hekk, it-talba b'rikors ġuramentat sabiex titwettaq il-wegħda ma tiġix ippreżentata fi żmien tletin jum minn meta jagħlaq l-imsemmi żmien* – A. 1357(2).

Ir-rekwiziti ghal-talba ghal hlas tad-danni huma ghalhekk tnejn:

i. Li ssir sejha b'att gudizzjarju pprezentat qabel jghaddi z-zmien applikabbli – fil-kaz *de quo*, fit-terminu ta' tlett xhur, u;
ii. F'kaz li wara li ssir tali sejha l-bejgh jibqa ma' jsehhx; issir talba b'rikors guramentat sabiex titwettaq il-weghda u dan, fi zmien 30 jum.

Fil-kaz in mertu, jirrizulta li l-attur prezenta l-ittra ufficjali numru 2231/21 kontra l-konvenut u dan fil-31 ta' Awwissu, 2021, bl-ittra giet debitament notifikata lill-konvenut fis-6 ta' Settembru, 2021, u wara, l-

[17] Ref.: *in primis*, it-trattazzjoni finali kif traskritta a fol 31 u 32 tal-process.

istess attur segwa b'din il-kawza odjerna li giet intavolata nhar id-29 ta' Lulju, 2022.

Minn naha l-ohra, il-weghda ta' bejgh saret fit-12 ta' Novembru, 2020 kif dikjarat mill-attur stess fl-ewwel premessa tar-rikors guramentat tieghu, kif jirrizulta mil-kopja tal-weghda ta' bejgh a fol 4 tal-process, u kif maqbul mill-konvenut fit-trattazzjoni finali tieghu.

Huwa ghalhekk ampjament car li l-ewwel sejha tal-attur kontra l-konvenut saret 'il fuq minn tlett xhur wara d-data tal-weghda ta' bejgh.

Konsegwentement, iddekorra inutilment t-terminu preskrittiv ai termini tas-subinciz numru (2) tal-Artikolu 1357 tal-Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.

**Decide:**

Ghaldaqstant, in vista tal-premess u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq espressi, din il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tilqa' it-tieni eccezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni ai termini tas-subinciz numru (2) tal-Artikolu 1357 tal-Kodici Civili, Kap. 16, Ligijiet ta' Malta.

Konsegwentement, tiddikjara l-azzjoni attrici bhala preskritta.

Bl-ispejjez ta din il-kawza a karigu tal-attur.

**(ft.) Dr Brigitte Sultana**
**Maġistrat**

**(ft.) D/Reġistratur**

**Vera Kopja**

**Għar-Reġistratur**